



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2011/2056(INI)

28.6.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar Strateġija Effikaċi dwar il-Materja Prima għall-Ewropa
(2011/2056(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Judith A. Merkies

(*) Kumitat assoċjat – l-Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Naffrontaw l-isfidi fis-swieq tal-prodotti bażiċi u dawk marbuta mal-materja prima" (COM(2011)0025) u b'mod partikulari l-fokus tagħha fuq il-materja prima u l-materja prima rkuprata minn riżorsi minerali u riżorsi bijotiċi, l-enfasi tagħha fuq l-effiċjenza tar-riżorsi u r-riċiklaġġ, u r-rikonoxximent tagħha tal-importanza tat-tħaffir fil-minjieri urbani bħala sors prezzjuż għall-irkupru, jiġifieri l-użu mill-ġdid tal-materja prima, it-tibdil tagħha f'materja jew prodott ta' kwalità aħjar, u r-riċiklaġġ tagħha, u d-determinazzjoni tal-Kummissjoni li tqis it-tliet pilastrati ta' din l-isfida wiesgħa, b'mod partikulari billi tiġi żgurata provvista ekwa u sostenibbli ta' materja prima mis-swieq internazzjonali, titrawwem provvista sostenibbli ġewwa l-UE u titħeġġeġ l-effiċjenza tar-riżorsi u r-riċiklaġġ; jinnota li r-riċiklaġġ ħafna drabi jirriżulta fit-tnaqqis tal-valur tal-materja, u li għandu jkun hemm aktar konċentrazzjoni fuq it-tibdil tal-materja f'materja jew prodott ta' kwalità aħjar li jagħtu valur ogħla lill-materja rkuprata; jindika l-potenzjal tal-użu mill-ġdid bħala kategorija separata għall-estensjoni tal-ħajja tal-prodotti u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa l-użu mill-ġdid partikolarment permezz tal-ekodisinn u l-politiki tagħha dwar l-iskart; jiddispjaċih, madankollu, għannuqqas ta' proposti għal miżuri konkreti mill-Kummissjoni u jwissi li, mingħajr miżuri bħal dawn, il-miri ddikjarati probabbilment mhux se jintlaħqu;
2. Jenfasizza li - speċjalment b'rabta mas-suġġett tal-materja prima - politika koerenti, viżjoni strateġika u fit-tul, kif ukoll approċċ ikkoordinat tal-atturi kollha involuti, speċjalment fi ħdan il-Kummissjoni, huma tal-akbar importanza;
3. Jenfasizza li hemm bżonn ta' data ulterjuri u aktar studji biex ikun żgurat approċċ aktar immirat, speċjalment rigward l-analiżi ta' flussi ta' skart, iżda wkoll il-potenzjal ta' teknoloġiji innovattivi għar-riċiklaġġ u s-sostituzzjoni;
4. Jilqa' r-rikonoxximent mill-Kummissjoni tal-importanza tal-użu tat-tħaffir fil-minjieri urbani bħala sors prezzjuż għall-irkupru, ir-riċiklaġġ tal-materja prima u t-tibdil tagħha f'materja jew prodott ta' kwalità aħjar u hu tal-opinjoni li hemm bżonn kbir ta' aktar informazzjoni dwar it-tħaffir fil-minjieri urbani u għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni tevalwa b'mod speċjali l-potenzjal, iżda wkoll il-limitazzjonijiet possibbli f'dan ir-rigward; jindika l-potenzjal tal-użu mill-ġdid bħala kategorija separata għall-estensjoni tal-ħajja tal-prodotti u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa l-użu mill-ġdid;
5. Jinnota li livelli iżjed baxxi ta' konsum, il-prevenzjoni ta' produzzjoni tal-iskart u l-użu mill-ġdid tiegħu huma komponenti prinċipali għat-tranżizzjoni għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;
6. Jenfasizza li l-fatt li l-popolazzjoni tad-dinja qed tikber, iż-żieda fil-konsum u l-oġġettivi għat-tkabbir ekonomiku tal-UE, jagħmluha saħansitra aktar essenzjali li t-tkabbir jiġi diżakkoppjat mill-użu tal-materja prima; jinsisti, għalhekk, li l-miri ta' tnaqqis għandhom jiġu stabbiliti biex jistabbilizzaw l-użu tal-materja u jipproponi metodoloġija robusta u

affidabbli għall-kejl tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, li tippermetti l-istabbiliment ta' miri annwali tal-UE għat-tnaqqis fir-riżorsi skont is-settur; jikkunsidra li l-progress lejn tali miri u l-implimentazzjoni tal-politiki ta' appoġġ mill-Istati Membri għandu jkun segwit mis-Semestru Ewropew, is-sistema ta' rappurtar għall-koordinament u s-sorveljenza tal-politiki baġitarji u strutturali tal-Istati Membri; jirrikonoxxi li t-tliet 'pilastri' tal-Komunikazzjoni se jkunu neċessarji biex jiġi ffaċċjat il-bżonn li dejjem qed jiżdied ta' materja prima fil-futur iżda jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' ġerarkija ċara bejn il-pilastri li tagħti prijorità lill-effiċjenza u r-riċiklaġġ tar-riżorsi, imbagħad lill-iżvilupp tat-tħaffir fil-minjieri b'mod sostenibbli fl-UE u fl-aħħar biex jiġi żgurat aċċess ġust u sostenibbli għall-materja prima minn pajjiżi terzi; jenfasizza li politika effikaċi dwar il-materja prima trid tiffirma parti minn approċċ integrat, billi tagħmel l-aħjar użu mil-leġiżlazzjoni eżistenti Ewropea dwar l-ambjent li tirregola l-effiċjenza tar-riżorsi f'ħafna setturi; jenfasizza wkoll il-bżonn ta' definizzjoni ċara tal-'effiċjenza tar-riżorsi' bl-użu ta' bażi xjentifika;

7. Iħeġġeġ lill-atturi kollha biex iqajmu kuxjenza dwar il-kompetizzjoni fir-rigward tal-użu tal-materja prima; Iħeġġeġ lill-KE tirriċerka l-iżvilupp ta' ġerarkija tal-materja prima u biex tinkoraġġixxi diskussjoni wiesgħa dwar l-użu bl-ogħla valur miżjud tal-materja prima mingħajr ma jkun kompromess l-ambjent; jistieden lill-Kummissjoni tfassal stampa ċara tal-kompetizzjoni għall-istess materjali u tindirizza l-konsum mhux essenzjali tal-materja prima;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor, tanalizza u tippubblika data dwar id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà u l-iskambju kummerċjali tal-materja prima u l-materja prima rkuprata fil-livell tal-UE; jikkunsidra barra minn hekk li għandha tinġabar data biex tippermetti tqabbil tal-karatteristiċi tal-materja, alternattivi għal sostituzzjonijiet, l-aktar użu effiċjenti u l-iskambju tal-aħjar Prattiki;
9. Jisħaq fuq l-importanza tal-iżvilupp, il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' approċċ li jqis iċ-ċiklu tal-ħajja tal-materja prima, biex b'hekk ikunu identifikati l-impatti fuq l-ambjent u internalizzati l-ispejjeż ambjentali esterni assoċjati mal-estrazzjoni u l-użu tal-materja prima, jiġu estenzi l-ogħla kwalità u l-ħajja ta' tali materjali, kif ukoll il-ħtieġa għal indikaturi biex jitkejjel l-użu effiċjenti u effikaċi tar-riżorsi;
10. Jenfasizza kemm hi importanti l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn¹ f'dan ir-rigward, f'enfasi usa' fuq l-effikaċja tar-riżorsi u impatti ambjentali oħra lil hinn mill-effiċjenza tal-enerġija; barra minn hekk jitlob l-introduzzjoni ta' rekwiżiti obbligatorji tar-riċiklaġġ u tar-riżorsi fil-miżuri ta' implimentazzjoni kollha mill-2013; jemmen li r-rwol tad-disinjaturi u x-xjenzati għandu jiġi kkunsidrat b'mod attiv meta jiġi żgurat l-użu effiċjenti u effikaċi tal-materja prima tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-prodotti, peress li riċiklaġġ ta' kwalità għolja jista' jseħħ biss meta l-katina tal-provvista kollha tkun magħluqa u l-partijiet interessati jikkooperaw biex jiżguraw rata għolja ta' ġbir mill-ġdid;
11. Jenfasizza li l-innovazzjoni hi essenzjali biex ikunu indirizzati sfidi ġodda u l-effiċjenza tar-riżorsi trid tkun parti integrali mill-politika mmirata lejn il-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni li tinkoraġġixxi l-kompetittività fost il-kumpaniji Ewropej;

¹ Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija; ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija ta' riċiklaġġ bi rkupru qrib kemm jista' jkun tas-sors tal-iskart, inkluża l-purifikazzjoni tal-ilma tad-drenaġġ, peress li dan jippermetti l-irkupru ta' konċentrazzjonijiet ogħla ta' materja prima, jevita n-nuqqas ta' rkuprar, inaqqas l-impatt negattiv fuq l-ambjent u possibbilment ikun aktar effiċjenti f'termini ta' enerġija;
13. Jistieden lill-KE u lill-Istati Membri jkomplu jżidu l-użu u l-iżvilupp ta' strumenti ekonomiċi xierqa inklużi inċentivi biex jistimulaw ir-responsabilità tal-produtturi sabiex ikun promoss l-użu effiċjenti tal-materja prima u jkun hemm iktar użu mill-ġdid minnha u li din tkun tista' tiġi riċiklata u valorizzata, immanifatturata mill-ġdid, żarmata u rkuprata; b'mod partikulari jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-Direttivi dwar l-Ekedisinn, dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw¹, dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE)², u dwar il-batteriji³; jenfasizza l-importanza ta' ekonomija ċirkulari effettiva f'dan ir-rigward;
14. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jorganizzaw kampanji ta' edukazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni għall-konsumaturi bl-għan li jintużaw prodotti miksuba mir-riċiklaġġ;
15. Hu tal-opinjoni li, barra li jnaqqas l-impatt negattiv fuq l-ambjent tat-tmiem tal-ħajja ta' prodott (it-tniġġis mill-iskart) u jgħin fis-soluzzjoni tal-problema tal-iskarsezza ta' ħafna mill-materja prima, ir-riċiklaġġ tal-materjali (kemm jista' jkun totali) jgħolq ukoll opportunitajiet indiġeni ta' żvilupp industrijali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġa azzjoni biex jinħolqu dawn l-opportunitajiet, li huma partikolarment importanti fil-kriżi attwali;
16. Jistieden lill-KE tiżviluppa sistema ta' katina ta' kustodja, suġġetta għall-evalwazzjoni ta' impatt xierqa, għall-materja prima kollha, li tagħti istruzzjonijiet lill-produtturi biex jirreġistraw l-oriġini tal-materja prima permezz ta' sistema trasparenti, skont eżempji eżistenti (e.ż. ir-Regolament dwar l-Injam (UE) Nru 995/2010), li tippermetti l-iżvilupp futur ta' kriterji ta' sostenibilità għall-materja prima;
17. Jitlob l-implimentazzjoni kif suppost u rapida tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart⁴ u l-introduzzjoni ta' projbizzjoni progressiva tar-rimi ta' materja prima riċiklabbli fil-landfills, l-iżvilupp ta' kriterji għall-ekodisinn biex tkun żgurata r-riċiklabilità tal-maġġoranza l-kbira tal-prodotti li jitqiegħdu fis-suq u kriterji stretti u ambizzjużi ta' effiċjenza fl-inkinerazzjoni bl-irkupru tal-enerġija, li għandhom ikunu mmirati lejn l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-materja prima minflok l-inkinerazzjoni bħala mezz ta' rkuprar tal-akbar ammont possibbli ta' materja prima utli kemm jista' jkun kmieni u viċin kemm jista' jkun tas-sors, biex ikun evitat in-nuqqas ta' rkuprar, jitnaqqas kwalunkwe impatt negattiv fuq l-ambjent u tiżdied l-effiċjenza tal-enerġija;
18. Jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq proposta biex temenda d-Direttiva dwar ir-rimi ta'

¹ Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw; ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.

² Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE); ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24.

³ Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE; ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1.

⁴ Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi; ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

skart f'terraferma¹ u biex tiżviluppa u tespandi l-objettivi stipulati fl-Artikolu 5(2) tagħha; iqis barra minn hekk li skont id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, il-mira ta' tnaqqis tal-projbizzjoni li skart bijodegradabbli urban jintbagħat f'terraferma għandha tiġi estiża, b'bidu mill-2020, għall-iskart bijodegradabbli kollu, b'mira ta' tnaqqis stabbilita għal 5%;

19. Jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni li l-implimentazzjoni u l-infurzar aħjar tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart huma essenzjali għall-promozzjoni ta' Ewropa aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tipproponi t-twaqqif ta' aġenzija tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-iskart flimkien ma' korp speċifiku Ewropew biex iwettaq spezzjonijiet ambjentali diretti sal-aħħar tal-2011, peress li implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni eżistenti tista' tipprovdi, minbarra benefiċċji għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, benefiċċji ekonomiċi u aċċess ikbar għall-materja prima sekondarja prezzjuża.
20. Jemmen li l-miri li diġà ġew stabbiliti f'Direttivi varji rigward il-ġbir u s-separazzjoni tal-iskart, għandhom jiġu elaborati aktar u stabbiliti għall-ogħla livell ta' rkuprar, u l-aktar kwalitattiv, tal-materjali f'kull waħda mill-fażijiet tar-riċiklaġġ: il-ġbir, iż-żarmar, l-ipproċessar minn qabel u r-riċiklaġġ/raffinar;
21. Jistieden lill-KE tintegra l-objettivi tal-pjan ta' azzjoni dwar il-bijodiversità fl-istrateġija dwar il-materja prima biex issaħħaħ ir-rabtiet bejn l-ekonomija u l-ambjent u tqis l-effetti ambjentali tal-estrazzjoni, il-produzzjoni, l-użu u r-rimi tal-materja prima; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġa l-iżvilupp ta' ppjanar strateġiku dwar l-użu tal-art fl-Istati Membri kollha biex l-estrazzjoni tal-materja prima tiġi bbilanċjata mad-domandi l-oħra għall-użu tal-art u biex l-ambjent u l-bijodiversità jiġu ssalvagwardjati;
22. Jilqa' l-iżvilupp ta' strumenti u indikaturi, bħat-TEEB (l-Ekonomija tal-Ekosistemi u l-Bijodiversità) li jeżaminaw mill-ġdid il-valur monetarju tal-bijodiversità u tal-ekosistemi u jagħtu indikazzjoni importanti tal-prezz veru tal-estrazzjoni, tal-użu u tar-rimi tal-materja prima, u b'hekk jinternalizzaw l-ispejjeż esterni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi u tistimula l-iżvilupp ta' dawn l-istrumenti u l-użu tagħhom;
23. Jenfasizza li l-attivitajiet ta' estrazzjoni għandhom jitwettqu b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ogħla standards tas-sigurtà fil-post tax-xogħol u tal-protezzjoni ambjentali sabiex jiġu evitati inċidenti u ż-żoni affettwati jiġu rriabilitati;
24. Jinnota li, filwaqt li t-teknoloġija tal-estrazzjoni biċ-ċjanur, li toħloq theddida ambjentali serja, tippermetti l-produzzjoni ta' żewġ grammi biss ta' deheb minn tunnellata ta' minerali, 150 darba aktar – kważi 300 gramma – tista' tiġi prodotta minn tunnellata ta' telefons ċellulari użati mingħajr il-bżonn ta' ċjanur; għalhekk ifakkar lill-Kummissjoni fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-5 ta' Mejju 2010 li titlob projbizzjoni sħiħa tal-UE fuq it-teknoloġija tal-estrazzjoni biċ-ċjanur sal-aħħar tal-20112;
25. Jišhaq fuq ir-rwol tar-responsabilità soċjali korporattiva u l-aderenza mal-ogħla standards internazzjonali fl-oqsma ambjentali u tax-xogħol u l-applikazzjoni tal-aħjar teknoloġiji

¹ Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'miżbla; ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1.

² Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar projbizzjoni ġenerali tal-użu ta' teknoloġiji tat-tħaffir biċ-ċjanur fl-Unjoni Ewropea; P7_TA(2010)0145.

disponibbli (BAT); jenfasizza barra minn hekk ir-responsabilità kbira li jgħorru n-negozji fl-estrazzjoni biex jiżguraw li s-saħħa tar-residenti tal-viċinat ma tkunx affettwata b'mod negattiv mill-estrazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-ispirtu tal-Liġi Dodd-Frank tal-Istati Uniti dwar il-minerali li jiġu minn żoni ta' kunflitt u jhegġegħ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva; jappoġġa l-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI);

26. Jenfasizza li l-politika ta' żvilupp mhix għodda għad-diplomazija tal-materja prima; jaqbel li l-ftehimiet kummerċjali għandhom jipprovdu l-flessibilità neċessarja biex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex joħolqu rabtiet bejn l-industrija estrattiva u dik lokali; jemmen li s-sovranià tal-pajjiżi fuq ir-riżorsi trid tiġi rrispettata, u jitlob lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, biex tuża approċċ differenzjat li jqis il-kuntesti nazzjonali varji sabiex il-miri tal-iżvilupp u l-industrijalizzazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw ma jitqegħdux f'periklu;
27. Jenfasizza l-bżonn ta' konsistenza b'objettivi proklamati fil-qasam tal-kooperazzjoni u l-politika ta' għajjnuna għall-iżvilupp; hu tal-opinjoni li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw li għandhom ħafna materja prima m'għandhomx jiġu rrilegati għar-rwol ta' esportaturi netti ta' materja prima iżda minflok għandhom jiżviluppaw il-politiki industrijali u ta' żvilupp tagħhom stess, u jimxu 'l quddiem fil-katina tal-valur; ma jaċċettax il-viżjoni neokolonjalista moħbija wara l-hekk imsejħa 'diplomazija tal-materja prima';
28. Jitlob li jiġu introdotti u promossi b'mod attiv mudelli ekonomiċi aktar sostenibbli diżakkoppjati mill-użu materjali, sabiex tiġi żgurata d-disponibilità tal-materja prima fil-ġejjieni fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strumenti legali ġodda (pereżempju 'ċertifikati ħodor' bl-għan ta' żieda fl-adozzjoni tal-materja prima sekondarja) li jimmiraw lejn użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, waqt li jevitaw "rebound effects"; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni twettaq studju komprensiv dwar il-mudelli ta' leasing ekonomiku bħala alternattivi għas-sjieda tal-prodotti u l-impatt tagħhom fuq l-użu u l-irkupru tal-materjali; jenfasizza li s-sensibilizzazzjoni hi l-isfida primarja f'dan ir-rigward;
29. Jenfasizza li indikatur ġdid li jmur lil hinn mill-PGD u li jkejjel il-konsum tar-riżorsi u l-produttività tar-riżorsi hu essenzjali għad-dizakkopjament tat-tkabbir ekonomiku mill-użu tal-materjal;
30. Jiġbed l-attenzjoni għall-effetti distruttivi tal-ispekulazzjoni fil-materja prima; hu tal-opinjoni li s-suq fiżiku m'għandux jinsebaq mis-suq tad-'derivati' finanzjarji, li l-volum tiegħu żdied b'mod sproporzjonat tul is-snin, b'tali mod li sar neċessarju u urġenti li jiġu adottati miżuri f'dan il-qasam; jenfasizza l-importanza li jkun hemm informazzjoni uffċjali affidabbli dwar il-flussi u l-istokkijiet fiżiċi tal-materja prima;
31. Ihegġegħ lill-Kummissjoni teżamina l-effetti ta' taxxa fuq ir-riżorsi minerali, il-materja prima estratta li ma ntużatx, il-materja prima mhux enerġetika, l-użu tal-ilma u tal-art, kif ukoll b'mod partikolari kwalunkwe effett sekondarju, bħal sostituzzjoni mhux sostenibbli, evazzjoni fiskali jew ċaqliq tal-attività ekonomika lejn pajjiżi terzi u tressaq proposti għall-istrumenti tal-UE f'dan ir-rigward b'konformità mal-prijorità tal-effiċjenza tar-riżorsi; jindika li t-tassazzjoni tal-materja prima ewlenija bħall-metall tgħin biex il-vantaġġ komparattiv jitressaq aktar lejn ir-riċiklaġġ minflok l-estrazzjoni tal-materja verġni u jgħin biex iċaqlaq il-piż tat-taxxa minn fuq ix-xogħol għar-riżorsi;

32. Jinkuraġixxi lill-Kummissjoni tkompli bil-preparamenti għas-Sħubija għall-Innovazzjoni dwar il-materja prima b'konformità mal-inizjattiva prinċipali dwar 'l-Unjoni tal-Innovazzjoni' u jišhaq fuq l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib diġà minn kmieni bejn l-istuzzjonijiet kollha kkonċernati f'dan ir-rigward;
33. Jemmen li l-estensjoni tat-tul ta' haġja tal-prodotti, u għalhekk ukoll tal-materja prima u tal-materja bijotika, għandha tiġi promossa peress li l-estrazzjoni, l-użu u r-rimi tagħhom għandhom impatt kbir fuq l-użu tal-art, tal-ilma, tal-enerġija u tat-trasport; jirimarka li l-istrateġija tal-materja prima trid tiġi inkorporata fl-istrateġija aktar wiesgħa tal-UE 2020 bħala parti essenzjali tal-miri globali tagħha, jitlob għal innovazzjoni tal-effiċjenza tar-riżorsi aktar immirata u jindika li rata ta' effiċjenza aktar għolja fl-użu tal-materjali għandha impatt akbar fuq is-settur industrijali u dak tat-trasport;
34. Jitlob lill-Kummissjoni tiġbor data dwar il-potenzjal fl-UE tal-irkuprar ta' materja prima permezz tat-taħffir fil-miżbljet u tiżviluppa standards għall-kundizzjonijiet li taħthom il-miżbljet jistgħu jitħaffru, inkluż l-irkuprar possibbli ta' riżorsi oħra, l-effiċjenza tal-enerġija kkumparata mal-estrazzjoni tal-materja prima ewlenija, l-effetti sekondarji possibbli fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem (bħalma huma l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u sustanzi tossiċi) u l-potenzjal għall-produzzjoni tal-enerġija u r-restawr tal-pajsaġġ.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	21.6.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	János Áder, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Nessa Childers, Chris Davies, Esther de Lange, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Julie Girling, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Gilles Pargneaux, Antonyia Parvanova, Mario Pirillo, Pavel Poc, Vittorio Prodi, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Daciana Octavia Sârbu, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Marina Yannakoudakis
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	João Ferreira, Jutta Haug, Marisa Matias, Judith A. Merkies, Miroslav Mikolášik, Bill Newton Dunn, Birgit Schieber-Jastram, Michail Tremopoulos